MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Numru 751/2005

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia)
vs
James Aquilina, iben Godfrey,
imwieled Attard fl-24 ta’ awissu, 1974

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-7 ta’ ġunju, 2005 u fil-jiem ta’ qabel, fil-Gżira u f’inħawi differenti f’dawn il-Gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz billi waħħal sett ta’ pjanċi tar-reġistrazzjoni foloz bin-numru Q-2886 fuq mutur tal-għamla Yamaha, mudell XJR 400 (numru tax-chassis 4HM-050903);

2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħal in-numru tar-reġistrazzjoni Q-2886 fuq mutur tal-għamla Yamaha, mudell XJR 400 (numru tax-chassis 4HM-050903);
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi, saq vettura tal-għamla mutur tal-għamla Yamaha, mudell XJR 400 (numru tax-chassis 4HM-050903) bin-numru tar-reġistrazzjoni Q-2886 li kienu jappartjenu lill-mutur ieħor, mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur mingħajr ma kellu liċenzja speċifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-ewwel ta' novembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf u mitt lira maltin (Lm1,100). Tissospendi lill-imputat kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum. Tordna l-konfiska tal-mutur eżebit favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------